

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' April 2018 – Perfumes y Aromas Artesanales vs EUIPO – Aromas Selective (Aa AROMAS artesanales)

(Kawża T-426/16) ⁽¹⁾

[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedura ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea Aa AROMAS artesanales — Trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea Aromas PERFUMARIA Beleza em todos os sentidos — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Identikità jew xebh tas-servizzi — Xebh bejn is-sinjali — Pubbliku rilevanti — Artikolu 8 (1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001]”]

(2018/C 200/42)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Perfumes y Aromas Artesanales, SL (Arganda del Rey, Spanja) (rappreżentant: J. Botella Reyna, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: E. Zaera Cuadrado u A. Schifko, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Aromas Selective, SL (Dos Hermanas, Spanja) (rappreżentanti: I. Temiño Cenicerós u J. Oria Sousa-Montes, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-20 ta' Mejju 2016 (Każ R 766/2015-5) dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Aromas Selective u Perfumes y Aromas Artesanales.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Perfumes y Aromas Artesanales, SL, hija kkundannata kemm għall-ispejjeż tagħha kif ukoll għal dawk sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) u minn Aromas Selective, SL, inklużi l-ispejjeż indispensabbli sostnuti minn din tal-aħħar quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO.

⁽¹⁾ ĠU C 364, 3.10.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' April 2017 – Verein Deutsche Sprache vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-468/16) ⁽¹⁾

[“Aċċess għal dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Dokumenti marbuta ma' deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar it-tibdil tal-apparenza tas-sala tal-istampa tal-bini Berlaymont konnessa mal-limitazzjoni sabiex jintwerew biss il-lingwa Franċiża u Ingliża — Rifjut parzjali ta' aċċess — Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-inesistenza ta' dokumenti — Preżunzjoni ta' legalità — Żball ta' liġi — Obbligu ta' motivazzjoni”]

(2018/C 200/43)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Verein Deutsche Sprache eV (Dortmund, il-Ġermanja) (rappreżentant: W. Ehrhardt, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Erlbacher u F. Clotuche-Duvieusart, aġenti)